# IL-MILIED FL-ARTI

## sensiela ta' kwadri tan-nativita'

## mahduma minn artisit ta' fama



Artist Taljan ta' l-era tar-Rinaxximent, Alessandro di Mariano di Vanni Fillipepe, maghruf ahjar bhala Sandro Botticelli kien il-pittur li kkreja l-pittura tan-Nativita' bejn is-sena 1500 – 1501 imsejha In-Nativita' Mistika.  Meta kien ghadu tfajjel ta' erbatax-il sena kien jahdem ma' huh Antonio fis-sengha tad-deheb. Fis-sena 1462 huwa dahal bhala student ma' Fra Filippo Lippi, pittur taljan, fejn tghallem ix-xoghol tal-pittura b'mod profound u dettaljat. Aktar tard Sandro fetah ghar-rasu kellu l-hanut tal-pittura tieghu.  Il-pittura tan-Nativita' Mistika hija l-unika wahda li fuqha nsibu l-firma tieghu.

Botticelli beda'  x-xoghol fuq in-Nativita' Mistika ftit qabel il-priedka tar-Randan ta' Savonarola, patri dumnikan u predikatur.  Il-messagg ta'

Savonarola kien biex is-semmiegha tieghu jaghmlu ndiema, jitbieghdu mix-xitan u l-opri hziena tieghu u jhallu lill-angli jwassluhom ghand is-Salvatur. U din il-priedka saret is-suggett tal-pittura ta' Botticelli. L-iskrizzjoni li tidher fuq nett fuq il-kwadru tindika li Botticelli pogga lilu nnifsu jghix fl-ahhar zminijiet qabel it-tieni migja ta' Kristu.

In-Nativita' Mistika hija pittura ta' xena generali tan-nativita' b'Marija, Guzeppi, it-tarbija Gesu', angli u annimali. Ix-xoghol fih hafna simbolizmu.

Ic-cirku ta' tnax-il anglu fuq nett jirraprezenta t-tnax-il siegha tal-jum u t-tnax-il xahar tas-sena. L-angli libsin l-abjad, ahmar u ahdar jirrapresentaw il-fidi, tama u mhabba. Taht nett l-angli jidhru qed jigbdu lin-nies minn stat religjuz ta' limbu u ghaldaqstant qed jehilsuhom mix-xjaten. Fuq iz-zigarelli ta' l-angli hemm kliem li ghal ghajn ma jidhirx. izda jidhru biss bir-raggi *infra red*, li jitkellmu fuq it-tnax-il privilegg ta' Marija Vergni.

Fil-qiegh tal-kwadru jidhru seba' xjaten qed jippruvaw jaharbu lejn il-gewwieni tad-dinja. Xi whud minnhom huma minfuda bil-lanez. L-angli qed jabbracjaw il-gentili biex jehilsuhom mix-xjaten. Il-figuri ta' Marija u Guzeppi jenfasizzaw il-tajjeb fuq il-hazen.

Interessanti huwa l-fatt li Botticelli pitter dan ix-xoghol fuq it-tila flok fuq l-injam. Biex johloq il-koppla celesti huwa uza l-idea ta' l-argentiera li tghallem meta kien tfajjel jahdem ma' huh. Uza d-deheb biex johloq sema safi ghaliex kien jaf li d-deheb ma jiswiedx bhal-fidda. Huwa hadem fuq it-tila flok l-injam billi kien jaf li t-tila tista' tkebbiha u tahbiha. Dan ix-xoghol dam mohbi ghal-3 sekli wara l-mewt ta' Botticelli li sehhet fis-sena 1510. Ra d-dawl meta kollettur ingliz ta' l-arti xtara dan ix-xoghol.